**25 ta' Lulju, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A. F.R.Hist.S.**

Il-Pulizija

*versus*

Marianne Abela u Joseph Sant

## Ksur tal-Buon Ordni u l-Paċi Pubblika

*L-artikolu 352 (bb) (illum 338(dd)) tal-Kodiċi Kriminali ġie kostantement intepretat li jikkontempla fatti li jneħħu jew inaqqsu fiċ-ċittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali; u għalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taħt ċirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistgħu jikkonduċu għal reati oħrajn kontra l-persuni u s-sempliċi argumentar b'leħen għoli u xi ftit b'eċċitazzjoni ma jiksirx il-liġi.*

*L-użu tal-kelma "volontarjament" għandha tfisser illi jkun fl-imputat il-koxxjenza almenu li l-att tiegħu jkollu l-potenzjalità li jikkrea storbju - koxxjenza li tista' tkun newtralizzata meta wieħed ikun*

*fit-telfa ta' ġlieda.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta ta' l-4 ta' April, 1984, li biha l-imputata Marianne Abela ġiet misjuba ħatja talli fis-7 ta' Frar, 1984 għall-ħabta ta' xi l-11.45 a.m. fi Triq San Ġwann, il-Belt Valletta: volontarjament iddisturbat il-bon ordni u l-paċi pubblika bl-għajjat u ġlied u ħebbet għal Saverina Sant, liema reati huma assorbiti u ma ġietx misjuba ħatja fuq l-akkuża li verbalment heddet lill-istess Saverina Sant, u għalhekk ġiet imposta lilha garanzija fis-somma ta' ħamsin lira Maltija (Lm50) li ma timmolestax lil Saverina Sant għal żmien sena;

Rat ir-rikors ta' l-10 ta' April, 1984 li bih l-imputata Marianne Abela appellat minn dik id-deċiżjoni u talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberaha mill-imsemmija żewġ akkużi u tikkonfermaha in kwantu ġiet illiberata mit-tielet u għaldaqstant tilliberaha minn kull imputazzjoni, piena u provvediment;

Semgħet ix-xhieda;

Ittrattat l-appell;

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-imputazzjoni li l-appellanta volontarjament iddisturbat il-bon ordni u l-paċi pubblika bl-għajat u bil-ġlied, liema imputazzjoni qiegħda tiġi bbażata fuq l-artikolu 352 (bb)

tal-Kodiċi Kriminali, għandu jiġi osservat li dan l-artikolu 352 (bb) ġie kostantement interpretat minn din il-Qorti (ara **Pulizija *vs* Donald Zahra**, 19 ta' April, 1950 Kollez. Dec. Vol. XXXIV-IV-968 u s-sentenzi hemm ċitati) li jikkontempla fatti li jneħħu jew inaqqsu liċ-ċittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali u għalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taħt ċirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistgħu jikkonduċu għal reati oħrajn kontra l-persuni u s-sempliċi argumentar b'leħen għoli u xi ftit b'eċitazzjoni ma jikorix il-liġi;

L-awtur Taljan Nanio, fil-kummenti tiegħu għall-artikolu 457 tal-Kodiċi Taljan dwar storbju (Edizzjoni ta' l-1915) jgħid li l-artikolu 457 tal-Kodiċi Taljan mhux applikabbli "*per la grida e gli schiamzzi avvenuti durante un alterco*" u dan inter alia għar-raġuni li f'każ simili ma hemmx l-element tal-volontarjetà għaliex "*il gridare durante un alteco è atto istintivo di tutela propria e di intimadzione dell'avversario*". Ta min jinnota in propożitu illi l-artikolu 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali tagħna juża l-kelma "volontarjament" ("*wilful*" fit-test Ingliż), liema kelma għandha tfisser, kif ingħad minn din il-Qorti fil-kawża **Il-Pulizija *vs* Angolina Farrugia**, 17 ta' Marzu, 1945 (Kollez. Dec. Vol. XXXII-IV-841) "illi jkun hemm fl-imputat il-koxxenza almenu li l-att tiegħu jkollu l-potenzjalità li jikkrea storbju - koxxjenza li tista' tkun newtralizzata meta wieħed ikun fit-telf ta' ġlieda";

Fil-każ preżenti, filwaqt li Saverina Sant tgħid li bl-għajat li bdiet tgħajjat l-appellanti ħarġu tal-ħwienet u żammewha, min-naħa l-oħra l-appellanti qalet li ma għajtitx. Il-Qorti taraha stramba illi ħadd minn dawk tal-ħwienet li Sant tgħid li ħarġu ma ġew prodotti bħala xhieda. Għalhekk fl-istat tal-provi, meta l-Qorti għandha quddiemha biss il-versjoni ta' Saverina Sant li ġiet miċħuda mill-appellanti ma jistax jingħad li ġie ppruvat li l-appellanti għamlet storbju u anqas u anqas jista' jingħad li ġie

ppruvat li l-inċident neħħa jew naqqas liċ-ċittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew tas-sikurezza individwali. Anke kieku kellu jiġi ritenut li ġie ppruvat (ħaġa li l-Qorti tirritjeni li ma ġiex) l-appellanti għajtet meta hija u Saverina Sant kienu mqabbdin ma' xulxin ma jistax jingħad, għar-raġunijiet fuq imsemmija illi l-appellanti kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tiddikjara lill-appellanti mhux ħatja ta' l-imsemmija l-ewwel żewġ imputazzjonijiet u tilliberaha minnhom u kwindi tiddikjara lill-appellanti mhix ħatja ta' l-ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha fl-ewwel istanza u għalhekk tilliberaha minn kwalunkwe piena jew kwalunkwe provvediment punittiv ieħor.